**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Rotta 2**

**IR-RABA' SENA** | **IL-MALTI** | **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-isem:**________________________________ **Il-klassi:**__________ **Il-marka totali:** ☐

**IT-TWEĠIBIET GĦANDHOM IKUNU MIKTUBIN BIL-LINKA.**
**MINBARRA FEJN MITLUB, IL-LAPSIJIET GĦANDHOM JINTUŻAW BISS GĦAT-TPINĠIJA U XOGĦOL GRAFIKU.**

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
**Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultat aħjar.**

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

L-Iskema tal-Marki

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | Di | Dii | E | Taħdit | Smigħ | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marka | 15 | 10 | 5 | 15 | 15 | 20 | 10 | 10 | **100** |
| Il-Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## A. SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ *(15-il marka)*

| 15 |
|---|

*Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.*

# Il-Bankina Tagħna

Nistħajjel li jkun hemm min jistaqsi, 'Għaliex tagħna? Mela l-bankina mhix ta' kulħadd?' *(par. 1)*

Hekk hu – il-bankina ta' kulħadd. Imma xi wħud jagħmluha tagħhom, għax jibdew mexjin qishom qed jilagħbu l-passju u ma jwarrbu għal ħadd. Qishom qed jgħidu, 'Din il-bankina tiegħi, u warrabli min-nofs'. *(par. 2)*



Kultant ikollok tinżel il-bankina int, biex ma jinżlux huma, anke jekk int tkun mgħobbi, jew ixjeħ. U ġieli jiltaqgħu tnejn min-nies, **it-tnejn rashom iebsa**, li ma jwarrbux jekk mhux imġiegħla. Kos, din il-bankina tista' tkun perikoluża, ħej! *(par. 3)*

Perikoluża wkoll, għax ħafna bankini mhumiex veru bankini għax jipparkjaw il-karozzi. Jew jitilgħu t-trakkijiet fuqhom għax ma jkunux jistgħu jgħaddu. Jgħaddu wkoll tal-iskejtbords u l-iskejts u trid twarrbilhom għax dawk ma jistgħux iduru fejn iridu jew jieqfu kif ġieb u laħaq. **Periklu ieħor tal-bankini huwa għax xi wħud minnhom tant huma f'kundizzjoni ħażina**, li trid toqgħod attent fejn tpoġġi sieqek, għax malajr teħodha għal wiċċek, jew tilwi xi **għaksa**. *(par. 4)*

Ejja ma narawx in-negattiv biss! Għax il-bankini tagħna jlaqqgħuna, u nieqfu fuqhom, u nitħaddtu – kultant anke għal xi siegħa jew tnejn. Darba rajt żewġ nisa jitħaddtu jien u dieħel għand id-dentist. Wara li qalagħli s-sinna, ħriġt u sibthom għadhom jitħaddtu. Issib ukoll min jittawwal u jissendika minn fuq il-bankina x'għandhom nies oħra ġo djarhom u jivverifika jekk il-borma tal-ġar tfuħx aktar minn tad-dar. *(par. 5)*

Fuq il-bankini jsir **it-traffiku tal-bnedmin** 'l hawn u 'l hemm. U m'hemmx dawl tat-traffiku. Min ġej u min sejjer. Fuq il-bankini tad-dinja tgħaddi l-ħajja tagħna. U forsi fuq il-bankini tiġi deċiża x-xorti ta' kull wieħed minna – jew almenu ta' ħafna minna. *(par. 6)*

Fuq il-bankini jitwaħħlu l-arbli tad-dawl, tal-festa, tat-traffiku, tal-bnadar. Ġieli jarmaw l-imwejjed tar-restoranti, jew joħorġu l-merkanzija l-bejjiegħa tal-ħwienet. Fuq il-bankini jwaqqfuk tal-festa, xi *warden* jew pulizija, xi ħadd li jrid iqabbad sigarett jew ieħor li jrid ikun jaf it-triq, jew x'ħin hu. Fuq kollox juruna nies differenti u l-fehmiet tagħhom u jgħallmuna li mitt bniedem mitt fehma. *(par. 7)*

(Adattament minn kitba ta' Norbert Ellul-Vincenti, fir-rivista *Sagħtar* ta' Ottubru 2008)

**I. FEHIM IT-TEST** **(10 marki)**

1. Għaliex l-awtur isejjaħ lill-bankina ***Il-Bankina Tagħna***?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

2. Għaliex xi kultant ikollok tinżel minn fuq il-bankina biex tgħaddi?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

3. Semmi żewġ perikli li nsibu fuq il-bankini.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. X'fihom pożittiv il-bankini?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

5. X'jgħaddi minn fuq il-bankini tad-dinja?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

6. Semmi żewġ raġunijiet għala jistgħu jwaqqfuk meta tkun miexi fuq il-bankina.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

7. Sib u niżżel qawl mis-seba' paragrafu.

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

## II. GĦARFIEN IL-LINGWA (5 marki)

1. Immarka t-tajba.

   Il-frażi, *it-tnejn rashom iebsa* (par. 3) tfisser li t-tnejn:

   a. ma jċedux ☐

   b. għandhom uġigħ ta' ras kbira ☐

   ċ. mistħijin ☐ (1)

2. *Periklu ieħor tal-bankini huwa għax xi wħud minn**hom** tant huma f'kundizzjoni ħażina...* (par. 4). Għal min jew għal xiex qed tirreferi l-parti ***-hom*** fil-kelma *minn**hom***?

   ______________________________________________________________ (1)

3. F'paragrafu 1 sib kelma li tfisser *nimmaġina*.______________________________ (1)

4. Flok il-kelma ____________________ (par. 4) nistgħu niktbu '*qagħda*'. (1)

5. *għaksa* (par. 4) hija kelma ta' nisel:

   ❑ a. Semitiku | ❑ b. Rumanz | ❑ ċ. Ingliż (½)

6. *Għax il-bankini tagħna* jlaqqgħuna, *u nieqfu fuq**hom**...* (par. 4).

   Għal min jew għal xiex qed tirreferi l-parti ***-hom*** fil-kelma *fuq**hom***?

   ❑ a. għaż-żewġ nisa | ❑ b. għall-persuni li jkunu għaddejjin | ❑ ċ. għall-bankini (½)

## B. GRAMMATIKA *(10 marki)*

| ___ 10 |

*Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.*

# L-MSN imut mewta naturali

L-MSN Messenger sar xi ħaġa tal-imgħoddi u issa **se jsir** hekk għad-dinja kollha, hekk kif se jitneħħa wkoll miċ-Ċina, l-aħħar pajjiż fejn għadu jintuża. L-MSN Messenger kien tnieda 15-il sena ilu u mmarka l-bidu ta' era ġdida fejn **in-nies setgħu jitkellmu** permezz tal-internet minflok wiċċ imb wiċċ. Sal-2009, l-MSN kien għadu popolari iżda maż-żmien ħadulu postu Facebook kif ukoll **Skype li nxtara mill-Microsoft**. Fiċ-Ċina l-MSN beda jintuża fl-2005 u kien popolari ħafna sakemm bdew jikkompetulu servizzi simili offruti minn **kumpaniji Ċiniżi** bħal Tencent. F'dawn l-aħħar jiem, dawk li għadhom jużaw l-MSN fiċ-Ċina ġew avżati li se jiġu trasferiti għal Skype fil-31 ta' Ottubru.

(Adattament mis-sit *iNews*, Awwissu 2014)

1. Il-verb *imut* fit-titlu hu verb a. **transittiv** jew b. **intransittiv**? ________________________ (1)

2. a. Sib u ikteb **verb dgħajjef moħfi**. ________________________ (1)

   b. Oħroġ **l-għerq** tiegħu. ________________________ (1)

3. Mit-tielet linja sib u ikteb verb **awżiljarju**. ________________________ (1)

4. Mir-raba' linja sib u ikteb verb fil-**ħames forma**. ________________________ (1)

5. F'liema **temp** qiegħed il-verb *se jsir*? ________________________ (1)

6. X'tip ta' **konkordja (qbil)** insibu fil-frażi *kumpaniji Ċiniżi*?

   ________________________________________________________________(2)

7. Immarka t-tweġiba t-tajba:

   Il-verb ***jitkellmu*** fil-frażi, *in-nies setgħu jitkellmu* huwa verb:

   ❑ a. impersonali | ❑ b. riflessiv | ❑ ċ. reċiproku (1)

8. Immarka t-tweġiba t-tajba:

   Il-verb ***nxtara*** fil-frażi, *Skype li nxtara mill-Microsoft* huwa verb:

   ❑ a. passiv | ❑ b. reċiproku | ❑ ċ. transittiv (1)

## Ċ. MALTI KOMUNIKATTIV *(5 marki)*

| ___ / 5 |

*Ikteb bejn **60 u 80 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport u semmi l-fatti u d-dettalji. Tinsiex tindika n-numru tal-mistoqsija magħżula **fuq il-karta separata.***

1. Immaġinak ġurnalist/a. Ikteb rapport dwar xi ħsarat li ġarrab ir-raħal ta' Ħal Ċkejkun minħabba maltempata kbira li seħħet matul il-lejl.

   **★★★ Xi għajnuniet għat-titlu numru 1:**
   - *Meta ġrat il-maltempata?*
   - *X'kienu l-kundizzjonijiet tat-temp?*
   - *X'tip ta' ħsara ħalliet din il-maltempata?*

**JEW**

2. Immaġinak ġurnalist/a. Ikteb rapport għal gazzetta lokali dwar serqa ta' pittura li seħħet matul il-lejl minn mużew nazzjonali.

   **★★★ Xi għajnuniet għat-titlu numru 2:**
   - *Minn fejn insterqet?*
   - *Minn liema mużew?*
   - *X'valur nazzjonali għandha din il-pittura?*

## D.I. LETTERATURA – BEJN ĦALTEJN *(15-il marka)*

| 15 |
|---|

**Ir-Referenza għall-Kuntest**

*Agħżel silta **waħda** (A jew B). Tinsiex tindika l-ittra tas-silta magħżula fuq il-karta tat-tweġibiet.*

**A. Aqra sewwa l-poeżija *Jum San Valentin* ta' Maria Grech Ganado u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

X'inhi dil-kelma qed tirtogħod
hemm fuq ix-xefaq ta' dan il-jum?
Mhijiex ballun, ħafif u lest
għal-logħob. Pjuttost xi balla
li din l-għodwa qiegħda tistenna
l-kanun ta' ħalqi, lil qalbi
mkebbsa b'rabja liema bħalha –
tistenna l-isfog.

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq –

ja traditur
ma xbajtx tirreġettani minn ġo
ħajtek!

Ħa mela ilqa' u ibla'
dil-balla li rrid naqla' jien
minn fuq l-istonku.

Ibla' u ilqa'

u jekk tista'
itfagħhieli lura
qisha ballun.



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. a. Immarka t-tajba.

It-ton tal-poeżija huwa:

- ❑ i. ferrieħi
- ❑ ii. ironiku
- ❑ iii. ta' rabja (1)

b. Ikteb **tliet** kelmiet li juru dan.

________________________________ (1)

________________________________ (1)

________________________________ (1)

2. Għaliex taħseb li l-poetessa semmiet din il-poeżija *Jum San Valentin*?

________________________________________________

________________________________________________ (2)

3. Immarka t-tajba.

**Il-versi** użati f'din il-poeżija huma:

❑ a. settenarji

❑ b. ħielsa

❑ ċ. novenarji (1)

4. Mill-poeżija sib u ikteb:

a. **apostrofi**: ______________________________ (1)

b. **mistoqsija retorika**: ______________________________

______________________________________________ (1)

5. Mit-tieni strofa sib eżempju ta' **similitudni** u spjegaha.

________________________________________________

________________________________________________ (2)

6. Immarka t-tajba.

*Il-kanun ta' ħalqi* hi:

❑ a. personifikazzjoni

❑ b. metafora

❑ ċ. antiteżi (1)

7. Fisser kif din il-poeżija tidħol fit-tema tat-tiġrib tal-ħajja.

________________________________________________

________________________________________________ (3)

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Cachia u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.**

Min jaf igħid x'ħasset
Kif semgħet l-aħbar
Katrina?… bħal berqa
Dlonk toħroġ mid-dar.

U l-ħbieb marru wrajha
Sabiex iżommuha;
Ilkoll daru magħha
U riedu jsabbruha.

Bħal ġenn haw' jaqbadha
Ma trid tisma' 'l ħadd,
Bdiet twarrab b'idejha,
Bikkiet lil kulħadd.

Xħin tilmħu, tintilef
U taqa' hemm fl-art
Fejn kienu filgħodu
Xerrdulhom il-ward.

Minn xebba u għarusa
F'jum wieħed dil-mara
Ittejjeġ u tormol! –
Min jista' jsabbarha!



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Immarka t-tajba.
   It-ton ta' din il-poeżija huwa:

   ❑ a. ferrieħi

   ❑ b. ironiku

   ❑ ċ. ta' swied il-qalb (1)

2. Immarka t-tajba.
   F'din il-poeżija tidher l-imħabba tal-Maltin għal art twelidhom. Għalhekk insibu element:

   ❑ a. patrijottiku

   ❑ b. ironiku

   ❑ ċ. satiriku (1)

3. Mill-ewwel strofa, sib **similitudni** u fissirha.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. Immarka t-tajba.

a. Din il-poeżija tissejjaħ:

❑ a. saffika

❑ b. sunett

❑ ċ. ballata (1)

b. Għaliex tissejjaħ hekk?

_______________________________________________ (1)

5. Immarka t-tajba.

a. Il-figura tat-taħdit *ittejjeġ u tormol* hi:

❑ i. anafora

❑ ii. antiteżi

❑ iii. personifikazzjoni (1)

b. Spjega fi kiemek xi jfisser dan il-vers: *ittejjeġ u tormol*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

6. Immarka t-tajba.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| a. L-istrofi ta' din is-silta huma: | ❑ i. terzini | ❑ ii. kwartini | ❑ iii. ottavi | (1) |
| b. Il-versi ta' din is-silta huma: | ❑ i. settenarji | ❑ ii. ottonarji | ❑ iii. senarji | (1) |
| ċ. Ir-rima ta' din is-silta hi: | ❑ i. imqabbża | ❑ ii. alternata | ❑ iii. magħluqa | (1) |

7. Niżżel it-**tliet** taqsimiet ewlenin ta' din il-poeżija.




_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

## D.II. LETTERATURA – IL-ĦARSA TA' RUŻANN *(15-il marka)*

| 15 |
|---|

**Il-Komponiment Letterarju**

*F'madwar* ***200 kelma*** *wieġeb mistoqsija* ***<u>waħda</u>*** *fuq karta separata.*

1. It-tema tal-edukazzjoni hija waħda mit-temi ewlenin fir-rumanzett Il-Ħarsa ta' Ružann. Ikkummenta/Tkellem dwar l-importanza ta' din it-tema mill-bidu tar-rumanzett sa Marija.

**★★★ Xi għajnuniet għat-titlu numru 1:**

- *X'livell ta' edukazzjoni kien hawn f'Malta fil-bidu tar-rumanzett?*
- *X'differenza kien hemm bejn Karmenu u Ġannikol fil-mod kif kienu jaħsbuha dwar l-edukazzjoni?*
- *X'importanza kienet tagħti Marija lill-edukazzjoni ta' wliedha, b'mod speċjali ta' binha Pietru?*
- *U x'kienet lesta tagħmel għalihom?*

**JEW**

2. Tkellem dwar il-karattru ta' Rużann u dwar il-mod kif hija tibqa' tħares lil binha Karmenu u lil bintu Marija matul ħajjithom.

**★★★ Xi għajnuniet għat-titlu numru 2:**

- *X'tip ta' karattru kellha Rużann, u x'kienet tirrappreżenta?*
- *X'deċiżjoni importanti ħadet Rużann wara li saret taf li se jkollha tarbija?*
- *X'jgħidilna dan fuq il-karattru tagħha? Kif baqgħet tħares lil binha Karmenu?*
- *X'suġġerimenti kienet tgħaddilu?*
- *X'pariri tat Rużann lil Marija waqt l-argument li nqala' fil-ħanut tax-xorb?*

## E. IL-KOMPONIMENT *(20 marka)*

| 20 |
|---|

*Ikteb madwar* ***300 kelma*** *dwar* ***<u>wieħed</u>*** *minn dawn fuq karta separata.*

1. Ikteb rakkont li jibda: ***Lanqas niftakar ma rrid daqskemm stħajt dakinhar…***

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *X'ġara dakinhar?*
- *Ma' min u fejn kont?*
- *X'kienet ir-raġuni li ġegħlitek tistħi daqshekk?*
- *Kif ġibt ruħek wara li ġralek hekk?*
- *Għamilt xi ħaġa biex tirranġa dik is-sitwazzjoni u ma tibqax tistħi?*

2. **F'ħanut tal-kotba.**

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *Liema tipi ta' kotba ssib f'dan il-ħanut?*
- *Kif inhu mqassam il-ħanut?*
- *Liema tipi ta' kotba jogħġbuk l-aktar jew tixtri l-aktar?*
- *Xi tgħid dwar il-kuluri, id-disinji u tant stampi sbieħ li nsibu fil-kotba llum il-ġurnata?*
- *Xi tħoss meta tkun f'ħanut tal-kotba?*

3. **Il-mowbajl ngħaddu mingħajru?**

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *Kemm sar importanti l-mowbajl illum il-ġurnata?*
- *Għaliex nistgħu jew ma nistgħux ngħaddu mingħajr mowbajl?*
- *X'vantaġġi u żvantaġġi hemm li jkollok il-mowbajl fuqek il-ħin kollu?*
- *Għaliex qabel kienu jgħaddu mingħajr mowbajl?*
- *X'kienu jagħmlu minflok?*

4. **L-importanza tal-imħabba u r-rispett fi żminijietna.**

**★★★ Xi għajnuniet għal dan il-komponiment:**

- *X'tifhem biha l-kelma mħabba?*
- *X'inhu r-rispett?*
- *X'post għandhom l-imħabba u r-rispett fil-ħajja tal-lum?*
- *Kif nistgħu nonqsu mill-imħabba u mir-rispett lejn xulxin?*
- *B'liema mod nistgħu nħobbu u nirrispettaw lil xulxin u lis-superjuri tagħna?*

**Tmiem il-karta.**

